## Stejjer Għat-Tfal (3)

## Santa Claus ma jinsa qatt



Berta kienet tifla tajba ħafna. Kienet obbidjenta u ġeneruża ma' kulħadd, imma kellha daqsxejn ta' problema . Berta kienet tinsa kollox u malajr.

Kull meta kienu jistaqsuha jekk għamlitx li kellha tagħmel, dejjem kienet tirrispondi "Insejt". Meta bagħtitha b'nota għand il-ħajjat, ommha sabitilha l-karta fil-but tal-libsa.

Kull meta kienu jibgħatuha għand tal-ħanut biex iġġib l-ikel li kienet ordnat ommha, kienet tmur lura d-dar tard u b'idejha vojta. Ir-risposta tagħha dejjem tkun l-istess. "INSEJT"

Fl-aħħar ommha u missierha iddeċidew li kellhom jaraw x'jagħmlu biex Berta ma tibqax tinsa kull meta jqabduha tagħmel xi ħaġa.

Issa kien wasal il-Milied u Berta qabdet tagħmel lista ta' l-affarijiet li xtaqet tirċievi u tibgħatha lill-Santa Claus. "Inti taf li Santa jista' jinsa il-lista tiegħek?" staqsietha ommha.

"Le ma jistax," irrispondiet Berta, "għax jien sa nagħmel lista oħra ħdejn il-kalzetta mdendla maċ-ċumnija u nikteb l-affarijiet kollha li rrid jien. Santa Claus jara l-lista u jagħmilli il-ġugarelli ħdejn iċ-ċumnija."

Meta wasal il-Milied, Berta qamet kmieni u marret dritt fil-kamra maġenb iċ-ċumnija, biex tara x'kien fiha l-kalzetta tagħha. Ommha kienet taf x'ġara, imma baqgħet fil-kamra tagħha u ma tkellmet xejn.

Wara ftit ħin Berta daħlet fil-kamra ta' ommha tibki u b'lista twila f'idejha. "Ara x'ħallieli Santa! Lista twila u lanqas ġugarell wieħed li tlabtu jien."

Omm Berta fetħet l-ittra fejn sabet lista twila bil-qadjiet kollha li Berta kienet tinsa tagħmel. Taħtnett tal-lista kien hemm miktub, b'ittri kbar, "INSEJT."

Berta baqgħet tibki u tħares lejn il-lista li ħalliela Santa Claus fil-kalzetta.

Meta rat hekk, omm Berta resqet lejha u qaltilha, li kienu sejrin jaraw lin-nannu li għandu *Christmas tree* bid-dawl. "Forsi insibu xi ħaġa għalik taħt is-siġra," qaltilha ommha.



Meta waslu għand in-nannu, daħlu fil-kamra fejn kien hemm siġra mixgħula b'ħafna bozoz ta' kull kulur. Minnufih, Berta rat ħafna kaxxi b'isimha miktub fuqhom. Meta Berta fetħet il-kaxxi, sabet kull ma kienet kitbet fil-lista li bagħtet lill-Santa Claus.

Issa Berta ma għadhiex tinsa kull ma jqabbduha tagħmel għax ommha kienet tfakkarha li "Santa Claus qatt ma jgħid INSEJT."



IL-MILIED IT-TAJJEB